SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla)

16 ta’ Jannar 2025*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bl-ajru – Regolament (KE) Nru 261/2004 – Artikolu 8(1)(a) – Dritt għar-rimbors tal-biljett tal-ajru fil-każ ta’ kanċellazzjoni ta’ titjira – Għażla bejn ir-rimbors fi flus jew fil-forma ta’ vawċers tal-ivvjaġġar – Artikolu 7(3) – Kunċett ta’ ‘ftehim iffirmat tal-passiġġier’ – Ħolqien, mill-passiġġier, ta’ kont ta’ lealtà fuq is-sit internet tat-trasportatur tal-ajru”

Fil-Kawża C-642/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta’ Düsseldorf, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tas-16 ta’ Ottubru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta’ Ottubru 2023, fil-proċedura

Flightright GmbH

vs

Etihad Airways P.J.S.C.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla),

komposta minn M. Gavalec (Relatur), President tal-Awla, Z. Csehi u F. Schalin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Flightright GmbH, minn M. Michel u R. Weist, Rechtsanwälte,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. von Rintelen u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta’ l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Flightright GmbH iċ-ċessjonarju tad-drittijiet ta' passiġġier (iktar 'il quddiem iċ-"ċedenti"), u Etihad Airways P.J.S.C. (iktar 'il quddiem "Etihad Airways"), trasportatur bl-ajru, dwar ir-rimbors tal-biljett taċ-ċedenti li t-titjira tagħha ġiet ikkanċellata.

Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 1, 2, 4 u 20 tar-Regolament Nru 261/2004 jistipulaw:

"(1) Azzjoni mil-Komunitá [Ewropea] fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri. 'Il fuq minn dan, konsiderazzjoni sħiħa għandha tiġi meħuda tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur b'mod ġenerali.

(2) Il-fatt li ma jitħallewx jitilgħu u l-kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet jistgħu jikkawżaw problemi serji u inkonvenjenza għall-passiġġieri.

[…]

(4) Il-Komunitá għandha għalhekk togħla l-istandards ta' protezzjoni stabbiliti [mir]-Regolament [tal-Kunsill (KEE) Nru 295/91 tal-4 ta' Frar 1991 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistema ta' kumpens għal imbark miċħud fit-trasport bl-ajru skedat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 306)], kemm biex issaħħaħ id-drittijiet ta' passiġġieri u biex tassigura li trasportaturi ta' l-ajru jaħdmu taħt kondizzjonijiet armonizzati f'suq illiberalizzat.

[…]

(20) Passiġġieri għandhom jiġu informati b'mod sħiħ bid-drittijiet tagħhom fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv."

4 L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 261/2004 jipprevedi:

"Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

(a) jiġu offruti assistenza mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 8;

[…]"

5 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt għall-kumpens", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens […]

[…]

3. Il-kumpens imsejjaħ fil-paragrafu 1 għandu jiġi mħallas fi flus, permezz ta' trasferiment tal-bank elettroniku, ordnijiet tal-bank jew ċekkijiet tal-bank jew, bil-ftehim iffirmat tal-passiġġier, f'irċevuti [vawċers] tal-vjaġġ u/jew servizzi oħrajn."

6 L-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament, intitolat "Dritt għar-rimbors jew rotta differenti", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jiġu offruti l-għażla bejn:

(a) – rimbors fi żmien sebat ijiem, permezz tal-mezzi previsti fl-Artikolu 7(3), tal-prezz sħiħ tal-biljett bil-prezz b'liema ġie mixtri, għall-parti jew partijiet tal-vjaġġ li ma ġewx magħmulin, u għall-parti jew partijiet li diġà ġew magħmulin jekk it-titjira m'għadhiex qed taqdi kwalunkwe skop fir-rigward tal-pjan ta' vjaġġ oriġinali […]

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7 Iċ-ċedenti kellha riżervazzjoni kkonfermata għal titjira li kellha topera Etihad Airways, fis-7 ta' Settembru 2020, bi tluq minn Düsseldorf (il-Ġermanja) lejn Brisbane (l-Awstralja), b'konnessjoni f'Abu Dhabi (l-Emirati Għarab Magħquda). Ir-riżervazzjoni kienet tirrigwarda biljett ta' ritorn imsejjaħ "miftuħ", jiġifieri li d-data tat-titjira ta' ritorn ma kinitx stabbilita. Il-prezz totali mħallas għal din it-titjira 'l barra u lura kien ta' EUR 1 189 għal kull passiġġier. Iċ-ċedenti ħallset din is-somma lil aġenzija tal-ivvjaġġar.

8 Madankollu, it-titjira minn Düsseldorf għal Abu Dhabi ġiet ikkanċellata. Peress li l-organizzatur tal-vjaġġ falla f'Lulju 2020 mingħajr ma rrimborsa l-biljett, missier iċ-ċedenti kkuntattja, f'isem din tal-aħħar, lil Etihad Airways. Dan it-trasportatur tal-ajru ppropona li ssir bidla formali fir-riżervazzjoni, li din ġiet aċċettata minn missier iċ-ċedenti.

9 Waqt konverżazzjoni telefonika ġdida ma' aġent tas-servizz ta' assistenza ta' Etihad Airways, missier iċ-ċedenti kiseb il-konferma li ċ-ċedenti u l-passiġġier li kellu jakkumpanjaha kienu ser jiġu kkreditati, l-ewwel nett, b'"miles" li għandhom jintużaw fuq titjira operata minn Etihad Airways, ta' valur li jikkorrispondi għal dak tal-ħlas magħmul għax-xiri tal-biljett tagħhom u li t-tul tal-validità tiegħu huwa ta' sentejn, it-tieni nett, ta' "miles" supplimentari ta' valur ta' 400 dollaru Amerikan (USD) (madwar EUR 380) u, it-tielet nett, ta' "miles" "Etihad Guest" supplimentari. Għal dan l-għan, kull wieħed mill-passiġġieri kellu joħloq kont ta' lealtà fuq is-sit internet ta' Etihad Airways, li dan sar.

10 Għalkemm il-passiġġier li kellu jakkumpanja liċ-ċedenti ġie kkreditat bil-"miles" mwiegħda, dan ma kienx il-każ għal din tal-aħħar.

11 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Marzu 2021, Flightright informat lil Etihad Airways li hija kienet eżerċitat, f'isem missier iċ-ċedenti u l-passiġġier li kellu jakkumpanjaha, id-dritt ta' għażla mogħti lilhom mill-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 u talbet ir-rimbors sħiħ tal-biljett, f'terminu ta' sebat ijiem, għall-partijiet kollha tal-vjaġġ li ma sarux.

12 Permezz ta' ittra tat-13 ta' Awwissu 2021, iċ-ċedenti indikat "għal kull fini utli" li hija "[xtaqet] li tiġi rrimborsata skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004" u li hija ċediet "mill-ġdid id-drittijiet [tagħha] għal rimbors lil [Flightright]".

13 Adita fl-ewwel istanza minn Flightright b'rikors intiż għar-rimbors tal-prezz kollu tal-biljett, l-Amtsgericht Düsseldorf (il-Qorti Distrettwali ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) ċaħditu għar-raġuni li Flightright setgħet l-iktar l-iktar teżiġi li tiġi kkumpensata għall-ispejjeż marbuta mat-titjira 'l barra, kumpens li madankollu hija ma kinitx ikkwantifikat, anki wara li ġiet mistiedna tagħmel dan mill-imsemmija qorti.

14 Flightright appellat minn din is-sentenza quddiem il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf), li hija l-qorti tar-rinviju, u talbet lil din tal-aħħar tikkundanna lil Etihad Airways għall-ħlas tas-somma ta' EUR 1 189, flimkien mal-interessi mill-24 ta' Marzu 2021.

15 Il-qorti tar-rinviju għandha żewġ tipi ta' dubji. Minn naħa, hija tistaqsi dwar jekk l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-regolament, għandux jiġi interpretat fis-sens li, billi aċċettat rimbors fil-forma ta' "miles" u billi fetħet kont ta' lealtà fuq is-sit internet ta' Etihad Airways, li kellu jiġi kkreditat b'dawn il-"miles", iċ-ċedenti tat il-"ftehim iffirmat" tagħha, fis-sens ta' dan l-Artikolu 7(3) dwar din il-forma ta' rimbors, minkejja li hija ma kkonfermatx il-ftehim tagħha f'dan is-sens permezz ta' firma bl-idejn.

16 Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, din il-qorti tistaqsi jekk iċ-ċedenti tistax tirrevoka l-għażla li hija eżerċitat favur rimbors fil-forma ta' "miles", u li titlob mill-ġdid ir-rimbors tal-biljett fil-forma ta' somma flus, meta t-trasportatur tal-ajru li jopera ma jikkreditax il-kont tagħha ta' lealtà b'"miles", minkejja l-ftehim konkluż f'dan is-sens.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali ta' Düsseldorf) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1)(a) [tar-Regolament Nru 261/2004], ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 7(3) [ta' dan ir-regolament], għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-passiġġier ikun ta l-kunsens tiegħu b'mod validu bil-miktub għar-rimbors tal-prezz tal-biljett fil-forma ta' vawċers għall-ivvjaġġar u ta' noti ta' kreditu meta l-passiġġier ikun ħoloq huwa stess, permezz tas-sit internet tal-kumpannija tal-ajru, kont online bħala klijent li fuqu għandhom jiġu ttrasferiti l-vawċers għall-ivvjaġġar u n-noti ta' kreditu, mingħajr ma jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan il-metodu ta' rimbors permezz tal-firma bl-idejn tiegħu?

2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari: il-passiġġier jista' jirtira l-kunsens tiegħu, mogħti b'mod validu, sabiex jikseb ir-rimbors tal-prezz tal-biljett fil-forma ta' vawċers għall-ivvjaġġar u ta' noti ta' kreditu u jerġa' jitlob il-ħlas fi flus meta l-kumpannija tal-ajru ma tkunx sussegwentement ikkreditat il-vawċers għall-ivvjaġġar u n-noti ta' kreditu li jkunu ġew imwiegħda fuq il-kont tal-klijent?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 7(3)(a) ta' dan ir-regolament, għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira mit-trasportatur tal-ajru li jopera, il-passiġġier jitqies li ta l-"ftehim iffirmat" tiegħu għar-rimbors tal-biljett fil-forma ta' vawċers tal-ivvjaġġar meta huwa jkun ħoloq, fis-sit internet tal-kumpannija ta' dan it-trasportatur bl-ajru, kont ta' lealtà li għalih kellhom jiġu ttrasferiti dawn il-vawċers, mingħajr ma jkun ikkonferma l-ftehim tiegħu għal din il-forma ta' rimbors b'firma miktuba bl-idejn.

19 Skont l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 5(1)(a) ta' dan ir-regolament, il-passiġġier għandu, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, dritt għar-rimbors tal-biljett, f'terminu ta' sebat ijiem, skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 7(3) tal-imsemmi regolament bil-prezz li bih ikun inxtara.

20 Din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi li l-kumpens għandu jitħallas fi flus, permezz ta' trasferiment tal-bank elettroniku, ordnijiet tal-bank jew ċekkijiet tal-bank jew, bil-ftehim iffirmat tal-passiġġier, fil-forma ta' vawċers tal-ivvjaġġar u/jew servizzi oħra.

21 Minn qari flimkien tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 jirriżulta li, permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni rregola l-modalitajiet għar-rimbors tal-biljett f'każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira. F'dan ir-rigward, l-istruttura tal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-regolament tindika li r-rimbors tal-biljett isir, prinċipalment, fil-forma ta' somma flus. Min-naħa l-oħra, ir-rimbors fil-forma ta' vawċers tal-ivvjaġġar huwa ppreżentat bħala modalità sussidjarja ta' rimbors, peress li huwa suġġett għall-kundizzjoni addizzjonali ta' "ftehim iffirmat tal-passiġġier" (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Cobult, C-76/23, EU:C:2024:253, punt 20).

22 Għalkemm ir-Regolament Nru 261/2004 ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "ftehim iffirmat tal-passiġġier", imsemmi fl-Artikolu 7(3) tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li, fid-dawl tal-għan li għandu jiġi segwit dan ir-regolament li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri u tad-dmir ta' informazzjoni impost fuq it-trasportatur tal-ajru li jopera, kif jirriżultaw, essenzjalment, mill-premessi 1, 2, 4 u 20 tal-imsemmi regolament, dan il-kunċett jippreżupponi, minn naħa, li l-passiġġier ikkonċernat kien f'pożizzjoni li jagħmel għażla effikaċi u informata u, għaldaqstant, li jagħti l-ftehim tiegħu b'mod liberu u informat għar-rimbors tal-biljett tiegħu fil-forma ta' rċevuta tal-ivvjaġġar pjuttost milli fil-forma ta' somma flus (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Cobult, C-76/23, EU:C:2024:253, punti 21 u 26 sa 29).

23 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-forma tal-ftehim tal-passiġġier, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, sakemm dan il-passiġġier ikun irċieva informazzjoni ċara u kompleta, il-"ftehim iffirmat" tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 261/2004, jista' jkopri, b'mod partikolari, l-aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka tiegħu ta' rimbors tal-biljett fil-forma ta' vawċer tal-ivvjaġġar, permezz tat-trażmissjoni ta' formola mimlija mill-imsemmi passiġġier fuq is-sit internet tat-trasportatur tal-ajru li jopera mingħajr ma din il-formola ma tkun tinkludi l-firma bl-idejn jew diġitali tal-passiġġier (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Cobult, C-76/23, EU:C:2024:253, punti 34).

24 Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk iddeċidiet li, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira mit-trasportatur tal-ajru li jopera, il-passiġġier jitqies li ta l-"ftehim iffirmat" tiegħu għar-rimbors tal-biljett fil-forma ta' rċevuta tal-ivvjaġġar meta huwa jkun mela formola online fuq is-sit internet ta' dan it-trasportatur tal-ajru, li permezz tagħha huwa għażel tali metodu ta' rimbors, bl-esklużjoni ta' rimbors fil-forma ta' somma flus, fil-każ fejn dan il-passiġġier kien f'pożizzjoni li jwettaq għażla effikaċi u informata u, għaldaqstant, li jagħti l-ftehim tiegħu b'mod informat għar-rimbors tal-biljett tiegħu fil-forma ta' vawċer tal-ivvjaġġar iktar milli fil-forma ta' somma flus, li jippreżupponi li l-imsemmi trasportatur tal-ajru jkun ipprovda, b'mod leali, lill-imsemmi passiġġier, informazzjoni ċara u kompleta dwar id-diversi modalitajiet ta' rimbors li jinsabu għad-dispożizzjoni tiegħu (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Cobult, C-76/23, EU:C:2024:253, punt 37).

25 Għaldaqstant, il-kunċett ta' "ftehim iffirmat tal-passiġġier", fis-sens tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 261/2004, ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv bħala li jimponi kundizzjoni formali bħall-firma bl-idejn tal-passiġġier, sabiex passiġġier ikun jista' validament jesprimi l-aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka tiegħu għar-rimbors tal-biljett tiegħu fil-forma ta' vawċer tal-ivvjaġġar.

26 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-ħolqien mill-passiġġier ta' kont ta' lealtà fuq is-sit internet ta' Etihad Airways sabiex dan il-kont jiġi kkreditat bil-"miles" li din kienet intrabtet li tagħtih, huwiex biżżejjed sabiex tiġi kkaratterizzata tali aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka ta' dan il-passiġġier għal rimbors tal-biljett ħu taħt din il-forma.

27 Issa, is-sempliċi fatt marbut mal-ħolqien ta' tali kont ta' lealtà fuq is-sit internet tat-trasportatur tal-ajru ma jistax jitqies li huwa suffiċjenti, bħala tali, sabiex jitqies li passiġġier ħareġ aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka peress li dan il-ħolqien jista' jkun sempliċement indikattiv tar-rieda ta' konsumatur li jipparteċipa, b'mod ġenerali, fil-programm ta' lealtà ta' trasportatur tal-ajru, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

28 Fid-dawl tar-raġunijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira mit-trasportatur tal-ajru li jopera, il-passiġġier ma jitqiesx li ta l-"ftehim iffirmat" tiegħu għar-rimbors tal-biljett fil-forma ta' vawċers tal-ivvjaġġar meta jkun ħoloq, fuq is-sit internet ta' dan it-trasportatur, kont ta' lealtà li fuqu dawn il-vawċers kellhom jiġu ttrasferiti, mingħajr ma jkun ikkonferma, permezz tal-aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka tiegħu, il-ftehim tiegħu għal dan il-mod ta' rimbors.

Fuq it-tieni domanda

29 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma huwiex neċessarju li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 261/2004,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira mit-trasportatur tal-ajru li jopera, il-passiġġier ma jitqiesx li ta l-"ftehim iffirmat" tiegħu għar-rimbors tal-biljett fil-forma ta' vawċers tal-ivvjaġġar meta jkun ħoloq, fuq is-sit internet ta' dan it-trasportatur, kont ta' lealtà li fuqu dawn il-vawċers kellhom jiġu ttrasferiti, mingħajr ma jkun ikkonferma, permezz tal-aċċettazzjoni espliċita, definittiva u inekwivoka tiegħu, il-ftehim tiegħu għal dan il-metodu ta' rimbors.

Firem